MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2019/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm147.78) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99486292;**
**Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma preZenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm147.78), bl-imghax legali mill-14 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------